

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-10 ta' Ġunju 2009

li temenda, għal skopijiet ta' adattament għall-progress tekniku, l-Anness għad-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjonijiet għall-applikazzjonijiet taċ-ċomb, il-kadmju u l-merkurju

(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 4187)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/443/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi ta' riskju [perikolużi] fit-tagħmir elettriku u elettroniku (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1)(b) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2002/95/KE tesiġi li l-Kummissjoni tevalwa ċerti sustanzi perikolużi pprojibti skont l-Artikolu 4(1) ta' dik id-Direttiva.
- (2) Ċerti materjali u komponenti li fihom iċ-ċomb u l-kadmju għandhom jkunu eżentati mill-projbizzjoni, minħabba li l-eliminazzjoni ta' dawn is-sustanzi perikolużi fdawk il-materjali u l-komponenti spċifici għadha teknikament u xjentifikament mhux prattikabbi.
- (3) Is-sostituzzjoni taċ-ċomb fl-istann li jintuża għall-istannjar ta' wajers irraq tar-ram ta' dijametru ta' 100 µm u inqas fit-trasformers tal-enerġija għadu mhuwiex prattikabbi.
- (4) Għad mhemma disponibbli sostituzzjonijiet prattikabbi għaċ-ċomb fis-saff tal-kisi ta' diodes ta' vultaġġ għoli abbażi ta' korp tal-ħiegħ tal-borat taż-żingu.
- (5) Is-sostituzzjoni tal-kadmju u tal-ossidu tal-kadmju f'pejsts ta' saff oħxon użati fuq ossidu tal-berilju marbut mal-aluminju mhijiex prattikabbi attwalment.
- (6) Teknoloġiji ta' sostituzzjoni biex jinbidlu ċirkwiti analogi tal-ipproċessar tal-ħoss sabiex jiġi evitat l-użu ta' opto-

couplers abbażi tal-kadmju fl-applikazzjonijiet kollha ta' awdjo professjonal iġandhom isiru prattikabbi sal-31 ta' Diċembru 2009.

- (7) Is-sostituzzjoni ta' merkurju użat bħala inibitur tat-textix fl-iskrins tal-plażma DC li jkun fihom sa massimu ta' 30 mg għal kull skrin attwalment mhuwiex teknikament prattikabbi, iżda għandu jkun prattikabbi sal-1 ta' Lulju 2010.
- (8) Għalhekk id-Direttiva 2002/95/KE għandha tiġi emendata skont dan.
- (9) Skont l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2002/95/KE, il-Kummissjoni kkonsultat il-partijiet rilevanti.
- (10) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (²).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Direttiva 2002/95/KE huwa emendat kif stipulat fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Ġunju 2009.

Għall-Kummissjoni

Stavros DIMAS

Membru tal-Kummissjoni

(¹) ĠU L 37, 13.2.2003, p. 19.

(²) ĠU L 114, 27.4.2006, p. 9.

ANNESS

Fl-Anness għad-Direttiva 2002/95/KE, għandhom jiżdiedu l-punti 33 sa 38 li ġejjin:

- “33. Ċomb fl-istann li jintuża għall-istannjar ta’ wajers irraqq tar-ram ta’ dijametru ta’ 100 µm u inqas fit-transformers tal-enerġija.
 - 34. Ċomb fl-elementi ta’ potenzjometru trimmer abbażi taċ-ċermit.
 - 35. Kadmu f-fotoreżisturi għall-optocouplers applikati ftagħmir ta’ awdjo professionali sal-31 ta’ Diċembru 2009.
 - 36. Merkurju użat bħala inhibitur tat-textix fl-iskrins tal-plażma DC li jkun fihom sa massimu ta’ 30 mg għal kull skrin sal-1 ta’ Lulju 2010.
 - 37. Ċomb fis-saff tal-kisi ta’ diodes ta’ vultaġġ għoli abbażi ta’ korp tal-ħġieġ tal-borat taż-żingu.
 - 38. Kadmu u ossidu tal-kadmu f-pejsts ta’ saff oħxon użati fuq ossidu tal-berilju marbut mal-aluminju.”.
-